

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2207**tad-29 ta' Novembru 2017**

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 412/2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġetti ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 412/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

A. PROCĊEDURA PREĊEDENTI

- (1) Fit-13 ta' Mejju 2013 il-Kunsill impona dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' oġġetti taċ-ċeramika ta' fuq il-mejda u tal-kċina ("oġġetti tal-mejda") li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ") bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 412/2013 ("ir-Regolament oriġinali").
- (2) Fl-investigazzjoni oriġinali għadd kbir ta' produttori esportaturi mir-RPĊ għamli lilhom infushom magħrufa. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' produttori esportaturi Ċiniżi għall-investigazzjoni.
- (3) Il-Kunsill impona rati individwali ta' dazju fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti tal-mejda u tal-kċina li jvarjaw minn 13,1 % għal 23,4 % fuq il-kumpaniji inklużi fil-kampjun, u r-rata ta' dazju medja peżata ta' 17,9 % fuq kumpaniji oħra li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Barra minn hekk, ġie impost dazju bir-rata ta' 36,1 % fuq l-importazzjoni ta' oġġetti tal-mejda u tal-kċina mill-kumpaniji Ċiniżi l-oħra.
- (4) L-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 412/2013 jgħid li fejn xi produttur esportatur ġdid ta' oġġetti tal-mejda u tal-kċina fir-RPĊ jipprovdi biżżejjed evidenza lill-Kummissjoni li:
 - (1) ma jkunx esporta fl-Unjoni oġġetti taċ-ċeramika ta' fuq il-mejda u tal-kċina matul il-perjodu ta' investigazzjoni mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011 ("il-perjodu tal-investigazzjoni");
 - (2) mhux relatat mal-ebda wieħed mill-esportaturi jew produttori fir-RPĊ li huma soġġetti għall-miżuri antidumping imposti minn dak ir-Regolament, u
 - (3) esporta lejn l-Unjoni l-prodott ikkonċernat wara l-perjodu ta' investigazzjoni li fuqu huma bbażati l-miżuri, jew daħal f'obligu kuntrattwali irrevokabbli biex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni;

b'hekk l-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament jista' jiġi emendat billi l-produttur esportatur il-ġdid jingħata r-rata tad-dazju applikabbli għall-kumpaniji li jikkoperaw u li mhumiex inklużi fil-kampjun, jiġifieri r-rata ta' dazju medja peżata ta' 17,9 %.

B. TALBIET GĦAL TRATTAMENT TA' PRODUTTUR ESPORTATUR ĠDID

- (5) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 412/2013, erba' kumpaniji ppreżentaw ruħhom jgħidu li huma jissodisfaw t-tliet kriterji stabbiliti hawn fuq fil-premessa (4) u pprovdedu evidenza.
- (6) L-erba' kumpaniji lkoll huma manifatturi u esportaturi tal-prodott ikkonċernat.

⁽¹⁾ ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 412/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 31, 15.5.2013, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 803/2014 tal-24 ta' Lulju 2014 li jżid erba' kumpaniji mal-lista ta' produttori mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 412/2013, ĠU L 219, 25.7.2014, p. 33.

- (7) Tlieta minnhom diġa' kienu joperaw matul l-investigazzjoni oriġinali iżda sostnew li dak iż-żmien ma kinux jespportaw il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni.
- (8) Ir-raba' kumpanija sostniet li ma kinitx għadha teżisti matul il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali u għalhekk ma setgħetx tesporta matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (9) Il-Kummissjoni analizzat l-evidenza ppreżentata mill-erba' kumpaniji u sabet li kull waħda mill-erba' kumpaniji tissodisfa t-tliet kriterji biex tkun ikkunsidrata bħala produttur esportatur ġdid. Konsegwentement, l-ismijiet tagħhom jinħtieġ li jiġu miżjuda mal-lista ta' kumpaniji li kkooperaw iżda mhux inklużi fil-kampjun fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 412/2013.
- (10) Il-Kummissjoni infurmat lill-erba' kumpaniji u l-industrija tal-Unjoni b'dawn is-sejbiet u tathom l-opportunità li jikkummentaw. Ma ġie riċevut l-ebda kumment.
- (11) Dan ir-Regolament huwa skont l-opinjoni tal-Kumitat li twaqqaf permezz tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kumpaniji segwenti għandhom jiżdiedu mal-lista ta' produtturi esportaturi mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 412/2013:

Kumpanija	Kodiċi addizzjonali TARIC
Fujian Dehua Huamao Ceramics Co., Ltd	C303
Fujian Dehua Jiawei Ceramics Co., Ltd	C304
Fujian Dehua New Qili Arts Co., Ltd	C305
Quanzhou Dehua Hengfeng Ceramics Co., Ltd	C306

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER